MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1424/1992/1

**Maria Carmela Grech, illum Saliba wara dikjarazzjoni taghha prezentata fir-Registru Pubbliku a tenur ta' l-Att XXI ta' l-1993**

**Vs**

**Martin Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut izzewweg lill-attrici fis-6 ta' Awissu 1983 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal Daniel James ta' 7 snin u Oliver Martin ta' 5 snin;

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati kontra martu ta' sevizzi, ingurji gravi, mohqrija, swat u peress li minhabba f'hekk l-attrici kellha titlaq mid-dar konjugali;

Premess illi z-zwieg ukoll gie rez impossibbli minhabba inkompatibilita ta' karattru u dan l-aktar minhabba htija attribwibbli lill-konvenut;

Premess illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla b'digriet tas-17 ta' Awissu 1992 biex tipprocedi gha-separazzjoni minn ma' zewgha;

Premess illi l-attrici ghandha bzonn manteniment ghaliha u ghal uliedha;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba kondotta tal-konvenut ghat-tenur ta' l-Artikoli 40 tal-Kodici u Artikoli 41 tal-Kodici Civili;

2. Tiddikjara li l-istess konvenut tilef id-drittijiet kontemplati fl-Artikoli 631, 633, 835, 826 u 827 tal-Kodici Civili u tapplika d-disposizzjonijiet kollha ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

3. Tordna d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti;

4. Tordna l-likwidazzjoni ta' l-istess komunjoni jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b'dan pero` li lill-attrici jigu assenjati fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma taghha u li jinghatalha lura dak li hi tat lil konvenut b'donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b'xi titolu iehor;

5. Tahtar nutar, u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma ta' l-immobbli u fil-kontumacja tal-konvenut taht kuraturi deputati biex jidhru fl-assenza tieghu;

6. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn l-attrici;

7. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentari fil-gimgha ghaliha u ghaz-zewg uliedha skond ma tistabilixxi dina l-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent qabel ma' l-ewwel premessa, pero` irrespinga t-tieni u t-tielet premessi. Huwa cahad li kkommetta sevizzji, ingurji gravi, mohqrija, swat fil-konfront ta' martu jew li rrenda l-hajja konjugali bejn il-kontendenti impossibbli;

2. Illi konsegwentement l-eccipjent ma qabilx li tigi pronunzjata s-separazzjoni bejnu u martu, aktar u aktar li dan kellu jsir minhabba htijiet attribiti lil-eccepjent. Konsegwentement it-talbiet kollha attrici kellhom jigu respinti;

3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, f'kaz li din il-Qorti kellha takkorda s-separazzjoni lill-attrici dan kellu jsir minhabba htijiet ta' l-attrici stess li abbandunat id-dar matrimonjali minghajr raguni valida;

4. Inoltre l-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti kellha tkun fdata f'idejn l-eccipjenti fl-ahjar interess ta' l-istess minuri;

5. Illi jekk kellha ssir il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta'l-akkwisti, din kellha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Mejju 1994 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dr. Irene Bonello bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 385 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza ta' l-10 ta' Dicembru 1998;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 1999 li permezz tieghu gie nominat il-Perit Arkitett David Pace biex jistma l-fondi immobbli tal-kontendenti;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku li tinsab a fol. 470 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-30 ta' Mejju tas-sena 2000;

Rat in-noti pprezentati mid-difensuri;

Semghet kemm lill-kontendenti kif ukoll lix-xhieda minnhom prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din il-kawza biex il-Qorti tippronunzja s-seprazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija

tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 40 u 41 tal-Kodici Civili, talbet id-divizjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri kif ukoll manteniment ghaliha u ghall-istess tfal minuri;

Illi minn naha tieghu l-konvenut cahad l-allegazzjonijiet ta' martu u ssottometta illi huwa ma kienx hati skond kif minnha allegat, u li jekk il-Qorti kellha tiddikjara s-separazzjoni bejn il-konjugi Grech dan kien bi htija ta' l-istess attrici li abbandunat id-dar matrimonjali minghajr raguni valida; eccepixxa wkoll illi l-kura u l-kustodja tal-minuri kienet ahjar tigi akkordata lilu u li fil-kaz li jkun hemm divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti din kellha tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti;

Illi din il-kawza li ilha sejra ghal aktar minn ghaxar snin kienet tassew kombattuta bejn il-kontendenti u harsa lejn il-bosta seduti mizmuma kemm mill-Qorti kif ukoll mill-espert legali jindikaw li z-zewg partijiet ma hallew xejn biex jiggustifikaw it-tezijiet taghhom;

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1983 u kellhom l-ewwel tifel sena wara u t-tieni tifel sentejn wara. Illi minn naha taghha l-attrici tallega illi ghalkemm ir-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu tajbin hafna sa dakinhar taz-zwieg, hekk kif dawn huma zzewgu l-konvenut inbidel mil-lejl ghan-nhar u ma baqax la jaghti kaz tad-dar matrimonjali u lanqas ta' l-attrici; hija tallega li kemm damet mieghu hija soffriet kemm fizikament meta kien jirrabja li kien anki vjolenti izda anki psikologikament minhabba li huwa qatt ma seta' jifhem l-obbligi tieghu fil-konfronti taghha;

Illi minn naha tieghu l-konvenut jichad dawn l-allegazzjonijiet u jghid li l-ewwel inkwiet ta' bejniethom kien dovut ghal fatt li martu ma kienetx tiehu gost li huwa jmur ghand il-genituri tieghu izda l-inkwiet kbir beda meta t-tfal bdew imorru l-iskola; huwa jaqbel li dan il-glied kien pjuttost vjolenti u jaf li martu marret aktar minn darba tirraportah lill-Pulizija ghal dan l-agir tieghu. Il-konvenut ipprova inizjalment jaghti mpressjoni li huwa ma kienx jixtieq li jkun hemm separazzjoni imma aktar 'il quddiem ic-cirkostanzi minnu accettati indikaw mod iehor, u anki

ammetta incidenti fejn huwa kien vjolenti ghalkemm ta spjegazzjoni ta' dawn l-incidenti;

Illi l-attrici ressqet provi sufficjenti li jippruvaw li l-konvenut kien ripetutament refa' idejn fuq l-attrici u li l-konvenut qatt ma wera ebda forma ta' affett jew kien jipprova jifhem il-problemi illi kienu evidentement qeghdin jolqtu lill-attrici; dawn il-fatti gew korroborati wkoll mix-xhieda li ressqet l-attrici; il-konvenut lanqas cahad certi incidenti serji u anki qabel li huwa jmur ghand it-tabib biex jiehu xi kalmanti biex ir-relazzjoni tieghu familjari titjieb; b'dana kollu l-attrici ma tidhirx li kkollaborat mieghu hafna u huwa jallega li hija ma haditx il-kura li kellha tiehu f'dawn ic-cirkostanzi;

Illi ma hemmx dubju li z-zewg partijiet naqsu milli jiehdu l-pacenzja mehtiega u jipprovaw jifhmu l-problemi li kienu qeghdin ovvjament jizdiedu bejniethom bil-ghan illi terga' tidhol l-ghaqda bejniethom;

Illi dawn id-divergenzi bejn il-konjugi Grech lahqu livell irriversibbli meta l-konvenut beda jissuspetta li martu kienet qed tiffrekwenta ragel iehor; dawn l-allegazzjonijiet ghall-ewwel dehru pjuttost superficjali izda manmano li imxiet dina l-procedura l-Qorti bdiet tifhem li dawn l-allegazzjonijiet u suspetti tal-konvenut ma kienu xejn infondati.  L-istorja tal-programm televiziv li tieghu giet esebita kopja fil-fazi finali ta' dan il-process, jikkonferma dina l-posizzjoni.  L-attrici minn naha taghha tipprova tghid illi hija sabet refugju f'ragel iehor biss wara illi kien qatalha qalbha zewgha bl-atteggjamenti negattivi tieghu, pero` l-Qorti tosserva illi l-konvenut kien ilu jsemmi li dana Anthony Saliba ghal diversi snin u l-attrici kien irnexxiela, tajjeb jew hazin, ixxejjen tali suspetti bl-iskuza li dan ir-ragel kien habib tal-konvenut ukoll u li kien jigi jghinha fil-htigijiet tad-dar taghha;

Illi mill-ezami akkurat tal-provi twal li ingiebu f'din il-kawza, il-Qorti tifhem li z-zewg kontendenti ikkontribwew ghat-tkissir tal-hajja matrimonjali ta' bejniethom u ma tarax li ghandu jkun hemm differenza fil-grad ta' responsabilta` ghal dan;

Illi minn naha tieghu l-konvenut isemmi wkoll il-fatt li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali pero` il-Qorti hi tal-fehma li dan ma ghamlitux kapricozament u anqas biex tmur tghix ma' xi ragel iehor imma ghal ragunijiet illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kienu jiggustifikaw illi tiehu pass simili; ghalkemm in-nuqqasijiet tal-konvenut kienu aktar cari u johorgu principalment mill-karattru tieghu u n-nervi ammessi anki minnu, kien hemm anqas kjarezza dwar il-htijiet ta' l-attrici; li pero` gew imdawla bl-ahhar zviluppi u xhieda li tressqu quddiem il-Qorti; anqas jista' jinghad li l-agir ta' l-attrici kien xi haga li grat fl-ahhar ta' dawn il-proceduri, ghaliex kif gja intqal il-konvenut kien ilu li nnota l-attegjament stramb ta' martu li pero` dejjem, kif inghad, irnexxielha xxejjen jew ghal menu tnaqqas is-suspetti ta' zewgha.  Dan jispjega ghaliex l-abbli relattrici ssottomettiet li "hemm indikazzjoni li bejn l-attrici u Anthony Saliba minn Hal Luqa hemm hbiberija li pero` huwa difficli li tigi klassifikata bhala adulterju".  Id-dawl li inghata fl-ahhar udjenzi pero` jikkonferma l-korrettezza tal-konkluzjoni finali tar-rapport peritali li z-zewg partijiet ikkontribwew f'sehem indaqs ghat-tkissir taz-zwieg, u ghalhekk ghandhom jigu michuda l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenut waqt li tintlaqa' t-talba attrici b'dan pero` illi d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 40 mhumiex applikabbli;

Illi fit-tieni domanda taghha l-attrici talbet li jigu applikati diversi sanzjonijiet previsti mil-ligi, pero` il-Qorti tifhem li dina ghandha tigi milqugha biss in kwantu kontemplat fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48(1)(a) u (d) u dan fil-konfronti kemm tal-konvenut kif ukoll ta' l-istess attrici;

Illi dwar it-tielet talba attrici l-Qorti taqbel li dina ghandha tigi akkolta pero` l-assi ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet u mhux kif mitluba mill-attrici; dan japplika wkoll ghar-raba' talba tac-citazzjoni;

Illi ghalhekk il-Qorti ser tilqa' dawn it-talbiet ghat-terminazzjoni, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti; irid jigi rilevat illi rrizulta li kemm il-partijiet kif ukoll ir-rapport jirreferi d-dar bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; din pero` kienet giet akkwistata qabel iz-zwieg

minn flus li jappartjenu fi kwoti indaqs liz-zewg partijiet, u ghalhekk strettament ghandha tigi konsiderata bhala assi parafernali. Din id-distinzjoni tidher pjuttost irrilevanti peress li f'kull kaz tappartjeni fi kwoti indaqs liz-zewg kontendenti u ghalhekk l-effett taghha ikun daqs li kieku kienet tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom;

Illi dwar l-assi parafernali l-ohra z-zewg partijiet ressqu bosta provi dwar dak li kellhom fil-mument taz-zwieg - u anki lil min kienu jappartjenu d-diversi rigali u oggetti mixtrija. L-espert legali kkredidat l-assi tal-konvenut bl-ammont ta' Lm1800 izda l-attrici esebiet ukoll diversi dokumenti dwar dak illi hija kellha meta zzewget u dwar anki kif saru investimenti ftit wara z-zwieg;

Illi l-Qorti fic-cirkostanzi sejra tikkonsidra bhala ekwivalenti dawn it-talbiet reciproci b'mod li l-ammonti, ix-xoghol u l-attivitajiet tal-partijiet sal-mument taz-zwieg ma ghandu jhalli l-ebda kreditu ta' xi parti kontra l-ohra jew kontra l-komunjoni (li kif gja intqal ser tinkludi wkoll id-dar matrimonjali). Il-valuri reklamati miz-zewg partijiet fil-konfront tal-valur tal-beni mmobbli li ghandhom jinbieghu, anqas jiggustifikaw ezami aktar approfondit li f'kull kaz ma jista' qatt iwassal ghal cifri cari u determinati;

Illi l-valur tad-dar matrimonjali u tal-garage separat, huwa tali li, meta paragunat mal-valur totali kemm tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll ta' l-assi parafernali, ma jhalli l-ebda alternattiva ghal bejgh ta' dawn il-proprjetajiet; anki ezami legger tar-rapport peritali fejn jispjega f'hiex tikkonsisti d-dar matrimonjali, jindika b'mod car li dina ma hijiex komodament divizibbli. Veru li l-konvenut, a differenza ta' l-attrici, ma jibqalux post fejn jabita meta tinbiegh id-dar matrimonjali, pero` irid jigi rilevat li huwa ser ikollu nofs l-ammonti inkassati u anki fid-dawl tal- manteniment li ser jigi varjat, ikollu l-possibilita` li jikri jew jakkwista post iehor fejn jabita;

Illi l-konvenut incita anki gurisprudenza biex isostni t-talba tieghu biex jibqa' jabita fid-dar matrimonjali b'mod li dina ma tinbieghx, izda l-Qorti hi tal-fehma li l-attrici abbandunat din id-dar mhux ghaliex, kif jirrizulta fil-

gurisprudenza citata, "l-attrici trid tghix ghal rasha" imma ghaliex ic-cirkostanzi wassluha ghal dan il-pass;

Illi oltre il-beni immobbli hawn fuq imsemmija l-kontendenti ghandhom ukoll beni mobbili; hawn il-Qorti ma tistax ma tosservax kemm-il darba il-partijiet personalment u anki permezz tad-difensuri taghhom stqarrew li kien hemm qbil dwar id-divizjoni ta' dawn il-beni mobbli; skond il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Frar 1999: "dwar il-beni mobbili l-partijiet jimpenjaw ruhhom li jippreparaw prospett ta' l-istess u jippruvaw jaslu ghal divizjoni bejniethom"; gew anki esebiti listi ta' dawn il-beni, u fl-1 ta' Gunju 1999 irrizulta: "dwar il-beni mobbili jidher li l-partijiet qablu fuq zewg listi li ghandhom jigu maqsuma bejn il-partijiet". Wara li gew skambjati listi fis-16 ta' Jannar 2002, "il-konvenut informa l-Qorti li hlief ghal modalita` tal-bejgh, huma qablu ma' l-elenku li kien ipprezenta Dr. Ray Zammit pero` dan ghadu ghand Dr. Pawlu Lia". In segwitu il-konvenut ikkonsenja anki salott lill-attrici;

Illi harsa lejn il-process malajr turi l-intensita` li biha l-kontendenti ikkontestaw il-kawza u kull allegazzjoni li saret u dan biss jista' jispjega kif anqas fuq dak li kienu qablu dwaru, ma kien hemm konkluzjoni; ghalhekk il-Qorti sejra tordna li anki l-beni mobbli ghandu jinbiegh biex ir-rikavat jigi diviz;

Illi dwar it-talbiet relattivi ghal kura u kustodja tal-minuri il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan il-punt u, wara l-ahhar xhieda mressqa, uriet il-perplessita` u l-ghadab taghha ghall-isfaccatagni ta' l-attrici li sahansitra hadet lil uliedha ghal btala li rebhet mal-mahbub taghha; b'dana kollu kkonsidrat ukoll l-eta` ta' l-ulied illi ma tantx fadlilhom biex jilhqu l-eta` ta' maggorita` u kull decizjoni ghandha tittiehed f'dan l-isfond. L-imgieba ta' l-attrici fil-konfronti ta' l-imsemmi habib taghha Anthony Saliba ilha izzid fid-doza b'mod gradwat u l-Qorti tifhem li l-minuri kienu kostretti ftit ftit jaccettaw din ir-relazzjoni extra-matrimonjali ta' l-attrici b'mod li l-hsara li kellha ssir lill-ulied issa saret, u wara li l-Qorti hasbet fit-tul dwar dan il-punt ma tarax li jkun hemm ebda beneficcju ghall-ulied jekk il-kura u l-kustodja taghhom tigi mehuda minghand l-attrici u mghoddija lill-

konvenut; pass simili jista' biss jivvendika t-tezi tal-konvenut izda dan certament m'ghandux anqas biss jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti fid-decizjoni taghha dwar it-tfal;

Illi dan kollu ghandu pero` jittiehed in konsiderazzjoni fl-access li l-missier ghandu jkollu ghal uliedhom u mhux biss f'din is-sentenza imma anki f'kull decizjoni ulterjuri li tista' titiehed mill-Qorti fil-futur dwar il-minuri sakemm dawn jilhqu l-eta` ta' tmintax-il sena li ma hijiex wisq il boghod;

Illi wara s-suggerimenti espressi fir-rapport peritali senjatament dwar it-talba ghall-hlas ta' manteniment fejn gie suggerit li l-konvenut ma kellux ihallas manteniment lill-attrici ghaliha personalment, l-istess attrici pprezentat nota twila u estensiva fejn ikkritikat din l-opinjoni principalment fuq it-tezi li ma ngibux provi sufficjenti li hija kienet ikkommettiet adulterju;

Illi oltre l-fatt li l-Qorti tista' twaqqaf dan il-manteniment jekk jidhrilha li dan huwa opportun fic-cirkostanzi u l-fatti li jkunu tressqu quddiemha, dak li gara f'dina l-kawza u li rrizulta wara l-prezentata tar-relazzjoni peritali, certament ma jhalli ebda bazi ghal sottomissjonijiet ta' l-attrici dwar il-mantenement taghha. Il-Qorti ma tarax li ghandha taghti aktar konsiderazzjoni ta' dana l-punt wara l-kontenut tal-video recording esebit kif ukoll wara li semghet ix-xiehda tal-prezentatur Joe Dimech u kkonsiderat id-dokumenti esebiti, li kif jghidu l-inglizi "*speak for themselves*";

Illi l-uniku osservazzjoni li ghandha taghmel din il-Qorti hija dwar l-intransigenza murija mill-attrici anki quddiem il-Qorti li ppruvat b'kull mod tkompli tpingi fi stampa differenti u platonika r-relazzjoni taghha ma' Anthony Saliba; dan l-attegjament zbaljat ta' l-attrici jwaddab dawl ferm ikrah fuq il-kredibilita` taghha fl-ezami ta' dak kollu li xehdet u mhux biss fuq il-kwistjoni ta' l-episodju tal-lukanda imma anki dwar ix-xoghol li zewgha qed jallega li hija qeghda tahdem u minnu tippercepixxi introjtu;

Illi pero` ma hemmx dubju li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghal manteniment ta' l-ulied komuni u dwar dan il-Qorti tikkondividi l-opinjoni dwar l-ammont suggerit mill-abbli relattrici, anki minhabba l-eta` u l-istat ta' sahha ta' l-istess attrici u l-qliegh li hija tista' tippercepixxi mix-xoghol taghha; dan kollu jinghad ukoll anki fid-dawl tal-fatt li issa t-tfal ghandhom certa eta` u ma jimpedixxux aktar lill-attrici milli tohrog tahdem. L-ammont ta' hamsin lira fix-xahar ghal kull wiehed mill-minuri jidher adegwat bhala kontribuzzjoni li l-konvenut ghandu jhallas ghal manteniment ta' uliedu.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Grech u dan minhabba nuqqasijiet attribwibbli ugwalment liz-zewg kontendenti;

Tilqa' t-Tieni Domanda limitatament fis-sens li tordna li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48(1)(a) u (d) ghandhom jigu applikati fil-konfront taz-zewg partijiet u tichadha ghall-kumplament;

Tilqa' t-Tielet Domanda u anki r-Raba' Domanda b'dan pero` li l-beni kollha ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u tillikwida l-beni tal-komunjoni u tal-kontendenti billi tiddikjarahom konsistenti fid-dar matrimonjali numru 51, Triq Gafar f'Tas-Sliema u l-mobbli kollha li jinsabu go fiha, il-garage li jinsab f'Camenzuli Street, Sliema kif deskritt fir-rapport ta' l-espert tekniku, il-vetturi prezentement uzati mill-kontendenti, u il-flus u d-depoziti fil-banek jew fil-Qorti f'isem wahda jew f'isem iz-zewg partijiet, u tordna d-divizjoni ta' l-istess beni billi kull parti ghandha zzomm in pjena proprjeta` l-vettur li prezentement minnhom uzata u tordna l-bejgh in subasta tal-fondi immobbli imsemmija kif ukoll tal-mobbli li hemm go fihom b'mod li wara li jithallsu l-ispejjez relattivi, il-bilanc ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; id-

depoziti imsemmija ghandhom jigu inkassati flimkien ma' l-imghax u maqsuma ugwalment bejn il-partijiet; il-bejgh in subasta ordnat hawn fuq ghandu jsir  biss wara sena mid-data ta' meta din is-sentenza tghaddi in gudikat halli b'hekk fl-intervall il-partijiet ikollhom l-opportunita` li jilhqu ftehim dwar il-bejgh ta' l-istess mobbli u immobbli lil terzi, minghajr il-htiega tal-procedura tas-subasta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-Hames Domanda;

Tilqa' s-Sitt Domanda b'dan li l-konvenut ghandu jkollu access ampju ghal uliedu li ghandu jinkludi gurnata fil-gimgha, jew is-Sibt jew il-Hadd alternattivament;

Dwar is-Seba' Domanda, il-Qorti tichadha in kwantu tirreferi ghall-manteniment ghall-attrici personalment, waqt li tilqaghha in kwantu tirreferi ghat-tfal minuri u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar ghal kull wiehed mill-minuri.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur